MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 15/2003

**John Cardona**

**Vs**

**Christopher Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm436.99c (erba’ mija u sitta u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) rapprezentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru CAS 984 fil-20 t’Ottubru 2002 gewwa l-Hamrun habat mal-vettura numru AAE 301 propjeta’ tal-attur u kkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta’ ittra ufficjali datata 14 ta’ Novembru 2002, dawk tal-parir Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) u ta’ ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment

ma’ l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------